



WINSTON L. ZAMMIT B.A.(Hons.), M.A.

# 90 SENA ILU

## Il-Festa tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù fl-1911

L-ewwel darba li saret il-purċissjoni tal-Madonna tas-Sacro Cuor kien fl-1881, meta l-istatwa artistika u devota tal-Madonna tagħna nġiebet proċessjonalment mix-Xatt sal-knisja dak in-nhar stess li nfetħet il-knisja. Fis-snin ta' wara mbagħad il-festa saret biss fil-knisja billi missirijietna ma kellhomx permess jagħmlu l-purċissjoni, ħaġa li mingħajr ebda dubju dejqithom ħafna, u li wasslithom sabiex fl-1910, nhar il-festa jaqbdu l-vara u joħorġuha mingħajr permess, ħaġa li għal uħud minnhom fissret sentenza ta' ħabs. Iżda dan l-inċident wera lill-Awtoritajiet tal-Knisja Maltija li ma setgħux jagħlqu iżjed widnejhom għat-talba tal-partitarji tas-Sacro Cuor, u fl-1911 ingħata l-permess li ssir il-purċissjoni.




**2 ta' Lulju 1911. L-ewwel Purċissjoni bil-vara tal-Madonna tas-Sacro Cuor, bil-permessi meħtieġa.**

Kbir kien il-ferħ ta' missirijietna għal din l-aħbar u għalhekk riedu jagħmlu festa mill-akbar biex ifakkru din l-okkażjoni. F'din is-sena 1911, il-festa saret nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju. It-Tridu beda l-Erbgħa 28 ta' Ġunju. Kuljum matul il-ġranet tat-tridu kien ikun hemm priedka minn Patri Norbert Gambin O.F.M. u wara kienet titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka. Wara l-Barka kien ikun hemm Luminazzjoni Parzjali u kien ikun hemm ukoll banda ddoqq ħdejn il-knisja.

Is-Sibt l-1 ta' Lulju, lejliet il-festa fis-sitta ta' filgħaxija kien hemm it-Transulazzjoni tar-Relikwija tal-Madonna u wara kien hemm l-Għasar, Antifona u l-Barka. F'dik il-lejla kien hemm luminazzjoni bil-"luce elettrica" u l-Banda "La Valette" għamlet programm fil-pjazza quddiem il-knisja.

L-għada l-Ħadd, 2 ta' Lulju, ra l-qofol ta' dawn il-festi. Fil-ħamsa ta' filgħodu kien hemm il-kant tal-Mattutin. Fit-tmienja l-Banda "San Ġorġ" ta' Bormla għamlet marċ. Fid-disgħa kien hemm il-Quddiesa Solenni tal-Festa u wara l-Vanġelu niseġ il-Paneġierku bit-Taljan, wieħed mill-aħjar Predikaturi ta' dak iż-żmien ir-Rev. Patri Professur Anastasju Cuschieri O. Carm.

F'nofsinhar mad-daqq tal-moti kien hemm banda oħra ħdejn il-knisja. Fil-ħamsa ta' wara nofsinhar kien hemm Paneġierku bil-Malti mir-Rev. Patri Fons Attard, O.F.M., u wara kien hemm il-Vespri Solenni. Fl-istess ħin xi partitarji tas-Sacro Cuor taw bandalora lill-banda "La Valette" bħala turija ta' ħajr.

Fis-sitta u nofs, il-Banda "Vilhena" bdiet programm ħdejn il-knisja, il-Banda "Queen's Own" ta' l-Isla bdiet programm fi Triq Santa Marija u l-Banda "San Ġorġ" ta' Ħal Qormi bdiet programm fi Triq San Ġwann l-Għammied. Kien hemm ukoll baned oħrajn.

Fis-sebgħa fost l-akbar ferħ ta' missirijietna bdiet ħierġa l-purċissjoni u wieħed jista' jimmaġina x'ferħ qam fost il-folla miġbura quddiem il-knisja x'ħin tfaċċat fil-bieb tal-knisja l-istatwa tal-Madonna. Il-purċissjoni għaddiet minn Triq San Trofimu, Triq San Ġwann l-Għammied, Triq il-Karmnu, Triq San Piju V u lura għall-knisja minn Triq San Trofimu. X'ħin il-vara waslet fi Triq San Trofimu kantuniera ma' Triq San Ġużepp, ġiet milqugħa minn kwantità ta' torċi u mwassla sal-knisja, fejn wara l-kant ta' l-Antifona ngħatat il-Barka. X'ħin spiċċa kollox, il-Banda "La Valette" għamlet programm fuq il-moll ħdejn il-laneċ.

Tassew kbira u sabiħa kienet il-festa ta' l-1911, u minn dik is-sena 'l hawn barra mill-1941 u l-1942, il-Madonna sabiħa tagħna baqgħet kull sena tgħaddi trijonfalment mit-toroq tal-Parroċċa tagħna.

Fl-1961 f'għeluq il-ħamsin sena mill-ewwel darba li saret il-festa esterna, il-Komunità Franġiskana tal-Parroċċa tagħna organizzat ġimgħa festi li bdew il-Ħadd, 25 ta' Ġunju u spiċċaw il-Ħadd 2 ta' Lulju, b'tifkira ta' dan l-avveniment.

Jalla din il-kronaka qasira sservi sabiex aħna lkoll ulied din il-Parroċċa mhux biss inkunu devoti tal-Madonna, iżda nirsistu lkoll sabiex kull sena nagħmlulha festa kbira kif tassew jixirqilha.

Nota: *Din il-kitba kienet dehret f'Leħen il-Banda "Sliema", numru 2, 1972, fl-okkażjoni tal-Festa Titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor, u qed terġa' tiġi ppubblikata bil-permess ta' l-awtur.*